SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 4410

Illum it-Tnejn, 23 ta' Awwissu 2010
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-1.30pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 4310 li saret nhar it-Tnejn, 26 ta' Lulju 2010 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Servizz tal-Ġbir ta' Skart Goff*

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferiet għal minuta 1.1.2 tal-laqgħa preċedenti u pproponiet li jsir avviż lir-residenti dwar il-ġbir taż-żabra tal-ġnien. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li din iż-żabra tibda tinġabar nhar ta' Tnejn u jinġabru sa tlett mazzi għal kull talba.

### 1.1.2 *Seperation Bins*

Is-Sindku tkellem dwar il-*ground* tal-*football* u qal li kemm ilu li tlesta qed ikun hemm ħafna nies jaraw il-logħob u qed iħallu ħafna karti u flixken fl-*area*. Il-Kunsill qabel li jitpoġġew *separation bins* u ssir tabella biex l-*area* tinżamm nadifa.

### 1.1.3 *Parking Bays*

Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-*parking bays* li kellhom isiru fi Triq l-Istefanotis u Triq Dun M. Mifsud. Is-Sindku qal li l-perit qed iħejji pjanta ta' dawn il-*parking bays.* Il-Viċi Sindku semma wkoll siġra tat-tin li hemm f'Dawret it-Torri u li qed tostakola l-bankina. Huwa qal ukoll li f'din il-parti tat-triq ikun hemm vettura nofsha barra u hemm tlett qsari li wkoll qed ikunu ta' ostaklu.

### 1.1.4 *Triq Tursin il-Bir*

Il-Kunsillier Bonello rrefera għal minuta 8.4 tal-laqgħa preċedenti u staqsa dwar il-*bollard* u l-*yellow box junction* li kellhom isiru fi Triq Tursin il-Bir. Huwa ġie nfurmat li dawn ser isiru fil-ġranet li ġejjin.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 ***Listi***

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn is-26 ta' Lulju 2010 u t-23 ta' Awwissu 2010 ġew ippreżentati fil-laqgħa. Kopja taż-żewġ listi tqassmu lill-Kunsilliera kollha.

2.2 ***Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill***

2.2.1 ***Ittri mibgħuta mill-Kunsill:***

- 1016/09/O – ELC – pjanti tal-lantana fil-Jogging Track
- 1073/10/O – Dipartiment ta' l-Artijiet – *Garage no.*10
- 1077/10/O – *Office of the President – Xmas Concert*
- 1078/10/O – Dipartiment ta' l-Artijiet –Klieb fl-appartamenti tal-Gvern
- 1079/10/O – Awtorita' tad-Djar – tneħħija ta' *stairlift*
- 1099/10/O – Mepa – PA03216/06
- 1171/10/O – St Benedict College – *Job Experience Week*
- 1251/10/O – Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta – reviżjoni tas-sistema tat-traffiku f'Santa Luċija.

2.2.2 ***Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 1025/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 108/2010 – Taxxi u Kontribuzzjoni tas-Sigurta Soċjali fuq l-*allowance* lill-Kunsillieri
- 1038/10/I - Dipartiment għall-Gvern Lokali - *Memo* 109/2010 - Użu tal-*mobile phones*
- 1055/10/I – Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport – Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ
- 1058/10/I – St Benedict College – *Job Exposure Week*
- 1059/10/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Ċirk 43/2010 - Il-Ħlas ta' Tariffi ta' Ġbir ta' Skart
- 1087/10/I – Mepa – PA 00155/08 *Tea Room* fi Ġnien is-Serenta'
- 1107/10/I – Chinese Cultural Centre – *films* Ċiniżi fi Ġnien is-Serenita'
- 1108/10/I – Suzhou Foreign Affairs Office – żjara minn delegazzjoni Ċiniża
- 1117/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Town Twinning Conference*

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1038/10/I is-Sindku nforma l-Kunsill li kien twaqqaf il-kuntratt taż-żewġ *mobile phones* li kellu l-Kunsill.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1025/10/I saret referenza għal *memo* 108/2010 u ġie nnutat li f'każ ta' assenza mill-laqgħat tal-Kunsill, membru tal-Kunsill irid jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv bil-miktub bir-raġuni għaliex ma jistgħax jattendi.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1055/10/I ġie deċiż li din l-informazzjoni għandha tintbagħt lil għaqda taż-żgħażagħ SAY.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1058/10/I il-Kunsill qabel li żewġ żgħażagħ mill-Kulleġġ San Benedittu jagħmlu *Job Exposure Week* fl-Uffiċċju Amminstrattiv tal-Kunsill.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1059/10/I il-Kunsill ġie nfurmat dwar Ċirk 43/2010 fejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed tinforma l-Kunsilli biex il-ħlas ta' kull xahar għat-tariffi ta' ġbir ta' skart ma jkunx aktar minn dak li ġie mgħoti lil Kunsill għal ħlas ta' din it-tariffa.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1087/10/I, is-Sindku nforma li fir-rigward tal-permess tat-*Tea Room* il-Mepa nfurmat lil Kunsill li mill-punt ta' estetika l-istruttura ta' l-injam li qed jipproponi l-Kunsill mhux aċċettabbli peress li din hija inkompatibbli mal-*pavillion* eżistenti li hemm fil-ġnien. Il-Kunsill qabel li jiddiskuti din il-materja mal-perit tal-Kunsill.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1107/10/I is-Sindku nforma l-Kunsill li ser jintwerew tlett films ċiniżi fi Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li din hija inizjattiva taċ-Chinese Cultural Centre u ser tittella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1108/10/I is-Sindku nforma l-Kunsill li ser jibgħat ittra stedina biex delegazzjoni minn Suzhou tagħmel żjara uffiċjali f'Malta fix-xahar ta' Novembru 2010. Huwa qal li din is-sena wkoll jaħbat l-għaxar anniversarju tal-ġemellaġġ bejn il-lokalita' ta' Santa Luċija u dik ta' Jin Chang fiċ-Ċina.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1117/10/I il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali flimkien mas-Segretarjat Parlamentari ser jorganizzaw *Town Twinning Conference* fejn il-Kunsilli qed jintalbu joħorġu stedina lil lokalitajiet fl-Ewropa li magħhom għandhom ġemellaġġ. Għaldaqstant is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jibgħat stedina lil muniċipalita' ta' Gabiano, Carlentini u Lumpiaque.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Memo 95 – Skema Dwar Attivitajiet*

Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien ser japplika għal fondi biex isiru attivitajiet bejn l-1 ta' Diċembru 2010 u l-15 ta' Ġunju 2011. Huwa qal li l-attivitajiet huma l-Kunċert tal-Milied u l-*Pageant* tal-Ġimgħa l-Kbira.

### 4.2 *Kunċert tal-Milied*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li d-dati li qed jiġu proposti għal Kunċert tal-Milied huma s-7, 20 jew 21 ta' Diċembru 2010. Huwa qal li kien ser jinforma l-uffiċċju tal-President biex jara liema data hija l-aktar konvenjenti.

### 4.3 *Arbli tad-Dawl Innumerati*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien beda l-eżerċizzju biex jiġu nnumerati l-arbli tad-dawl. Huwa qal li dan il-proċess ser jgħin biex il-ħsarat u qtugħ ta' bozoz jiġu rrapurtati b' mod aktar prattiku.

### 4.4 *Laqgħa ma' rappreżentanti ta' Green MT*

Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu ma' rappreżentanti ta' Green MT. Huwa qal li dawn laqgħu talba tal-Kunsill biex jibdew iqassmu boroż griżi b'xejn lir-residenti. Huwa qal li ser jitpoġġew ukoll *bins* ħdejn ix-*shopping centres* biex il-kaxxi li jkollhom is-sidien tal-ħwienet jintremew fihom. Huwa kompla jgħid li l-Green MT ser tissuplixxi ċavetta lil kull sid ta' ħanut biex dawn il-*bins* jintużaw strettament mis-sidien tal-ħwienet. Is-Sindku qal li dawn il-*bins* ser jibdew jitbattlu kuljum bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa. Għal dan il-għan inġabret id-*database* tas-sidien tal-ħwienet biex tiġi kkomunikata aħjar din l-inizjattiva.

### 4.5 *Pjanti tal-lantana fil-Jogging Track*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien kiteb lil ELC biex jibagħtu 2000 xitla tal-lantana biex f'Settembru jitħawlu fil-Jogging Track.

### 4.6 *CCTV Cameras*

Is-Sindku rrefera għas-CCTV *cameras* u għal ħsara intensiva li kienu ġarbu kawża ta' sajjetta ftit wara li ġew installati. Huwa qal li l-ħsara fuq it-tlett CCTV *cameras* telgħat għal €2972.42 billi dawn kienet inħarqitilhom il-*motherboard*. Il-Kunsill approva din l-ispiża.

## 4.7 *Librerija Pubblika*

Il-Kunsill iddiskuta l-possibilita' li jikri post f'Santa Luċija li jkun adattat biex jintuża bħala librerija pubblika. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju ma' din l-inizjattiva. Għaldaqstant ġie deċiż li tinġieb aktar informazzjoni dwar xi inizjattivi jew assistenza finanzjarja li hemm għall-Kunsilli Lokali f'dan ir-rigward.

## 4.8 *Lifelong Learning*

Il-Kunsill ġie nfurmat li għal korsijiet tal-*lifelong learning* l-aktar li daħlu applikazzjonijiet kienu għal korsijiet tal-*computer*. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li għalissa għad m'għandux informazzjoni dwar kemm ser ikollu jħallas il-Kunsill għal dawn il-korsijiet għax jiddependi minn kemm applikaw Kunsilli.

## 4.9 *Amministrazzjoni ta' Sit fi Triq Ineż Soler*

Is-Sindku rrefera għal ftehim eżistenti li għandu l-Kunsill mal-Kummissarju ta' l-Artijiet dwar l-amministrazzjoni ta' sit C fi Triq Ineż Soler. Huwa fakkar li l-Kunsill kien talab emenda biex biċċa art oħra tiġi inkluża fil-pjanta tas-sit u din it-talba kienet ġiet milqugħa mid-Dipartiment ta' l-Artijiet. Huwa qal li ma' dan il-ftehim ġiet marbuta kera addizjonali ta' €50 fis-sena. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu biex jiġi ffirmat id-dokument dwar l-amminstrazzjoni ta' din il-biċċa art imsemmija.

## 4.10 *7- a-side football pitch*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-President ta' l-MFA infurmaħ dwar il-possibilita' li jsir *7-a-side football pitch* maġenb il-*ground* tal-*football*.

## 4.11 *Xogħol ta' manutenzjoni*

Il-Viċi Sindku rrefera għal *gutters* li saru fuq il-bankina ta' Triq iż-Żnuber u qal li dawn ma sarux kif suppost. Huwa qal ukoll li fi Triq Ineż Soler quddiem il-ħwienet hemm ċanta li għandha filata maqlugħa. Il-Kunsillier Bonello semma wkoll ċint fi Triq il-Peprin li wkoll għandu bżonn ta' manutenzjoni.

Il-kuntrattur Karmig għandu jiġi nfurmat b'dawn ix-xogħolijiet.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV3180 sa numru BOV3217 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Lulju (CM44(01)).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 4310.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

| | | |
|---|---|---|
| Salarji għax-xahar ta' Lulju 2010 | Ammont *Gross* | €4952.98 |
| Salarji għax-xahar ta' Awwissu 2010 | Ammont Gross | €4780.21 |

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Supplier | Kuntratt | Kont | € |
|---|---|---|---|
| Vodafone Malta Ltd. | 311653 | CM Awwissu | 80.00 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | CM Lulju | 20.63 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | CM Awwissu | 24.00 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX Lulju | 65.23 |
| Ronald Bezzina | SLLC Q(57/10/06) | *Bowser Service* Ġunju 10 | 60.00 |
| Ronald Bezzina | SLLC Q(57/10/06) | *Bowser Service* Lulju 10 | 300.00 |
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01) | *Extra Service*-Wied Garnaw | 655.00 |
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01) | Serv. Lulju 10 | 2802.50 |
| Ronald Bezzina | SS(57/09/01) | Serv.Lulju 10 | 1131.53 |
| Nexos | *Str. Lighting* | 2008698 | 950.00 |
| Nexos | *Str. Lighting* | 8531 | 1768.82 |
| Nexos | *Str. Lighting* | 2008652 | 164.00 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | 6435 | 2061.50 |
| Asfaltar Construction Ltd. | RR/PW(57/09/05) | 419 | 2629.20 |

## 6. DEVOLUZZJONI TA' GARAXX NUMRU 10 FI TRIQ ID-DAWL

Is-Sindku nforma li biex il-Kunsill ikun jista' jikri l-garaxx hawn fuq imsemmi irid isegwi l-proċedura stabbilita' ta' devoluzzjoni lokali. Huwa ppropona li l-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni ta' dan il-fond biex ikun jista' jintuża bħala *store* għal makkinarju agrikolu li għandu l-Kunsill.

Il-Kunsill unanimament qabel li jibda l-proċedura għad-devoluzzjoni ta' garaxx numru 10 fi Triq id-Dawl.

## 7. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fit-3.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 30 ta' Settembru 2010 fil-5.00p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum** il-Ħamis, 30 ta' Settembru 2010

**Frederick Cutajar**
**Sindku**